## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. REUBEN AZZOPARDI (KI. 382175M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13/09/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **REUBEN AZZOPARDI (382175M)** Vettura: **MH55WWJ TOYOTA**

Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi

Data u Ħin: **Nhar il-5/3/2018 ghal habta tal-5:00pm fil-jiem, fil-gimghat, fix-xhur u s-snin ta`qabel**

Post: **Triq l-Imdina u bnadi ohra f`dawn il-Gzejjer** Lokalita': **QORMI**

Diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b` riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat(Kap 9 Artiklu 18)

**(1) Bhala persuna rrendejt ruhek komplici** ( Kap 9 Artiklu 42 )

**(2) Bil-hsieb li tevadi t-taxxa ta` registrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, nqast milli taghti xi avviz minn dawk li jista jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kap 368 jew tajt avviz bhal dak jew fi stqarrija li taghmel lill-Awtorita ghall-ghanijiet ta` dan l-Att, tgharif li tkun taf li ma kienx korrett jew shih f`xi dettall materjali** ( Kap 368 Artiklu 21 (1)(a),(b) )

**(3) Bhala persuna ghamilt, jew inqast milli taghmel jew ippermettejt li jsir jew li nqast milli jsir xi haga jew xi att bil-hsieb li tevadi jew tipposponi l-hlas tat-taxxa ta` registrazzjoni kontra l-ligi** ( Kap 368 Artiklu 21 (1) (d) )

**(4) Bhala persuna li ghandek residenza normali tieghek f`Malta inqast li tavza lill-Awtorita bil-wasla ta` vettura li tkun rregistrata f`pajjiz iehor li kellek il-hsieb li tuza fit-triq f`Malta ghal perjodu ta` mhux iktar minn tletin gurnata konsekuttivi** ( Kap 368 Artiklu 21 (1)(j) )

**(5) Bhala persuna li ghandek residenza normali tieghek f`Malta inqast li tikseb minghand l-Awtorita permess ta` cirkulazzjoni temporanju ghall-uzu f`Malta ta` vettura rregistrata f`pajjiz iehor ghal perjodu ta` mhux iktar minn tletin gurnata konsekuttivi** ( Kap 368 Artiklu 21 (1)(k) )

**(6) Bhala persuna li ghandek residenza normali tieghek f`Malta inqast li tavza lill-Awtorita bil-wasla ta` vettura registrata f`pajjiz iehor li kellek hsieb tuza` fit-triq f`Malta** ( Kap 368 Artiklu 21 (1)(n) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' Spettur Sergio Pisani (affidavit), Brian Farrugia (Transport Malta) li xehed f'żewġ okkazzjonijiet differenti u ppreżenta dokumenti li kienu kruċjali għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti, Darrell Galea, PL Quentin Tanti u Dr. Claudette Fenech (Malta Business Registry) u Peter Agius;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

L-imputat qed jiġi akkużat illi rrenda ruħu kompliċi taħt l-Art. 42 tal-Kap. 9. Mill-imputazzjoni nnifisha huma monki għall-kollox id-dettalji dwar id-delitt jew delitti li l-imputat allegatament kien kompliċi fit-twettiq tagħhom. Ma' tressqu **l-ebda** provi dwar din l-imputazzjoni inkluż provi dwar xi *common design* maħsub minn qabel bejn l-imputat u l-awtur prinċipali. Din l-imputazzjoni għalhekk ma' tirriżultax.

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

Jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati in atti u mix-xhieda ta' Darrell Galea illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliż MH55WWJ (Toyota Hilux) waslet Malta mir-Renju Unit (tramite l-port ta' Genoa, l-Italja) fid-9 ta' Ottubru 2017 u li l-klijent kien ċertu Reuben's Auto Dealer.[1]

Il-vettura ma' ġietx reġistrata mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u fil-5 ta' Marzu 2018 fil-ħin u l-lok indikat fiċ-ċitazzjoni, l-Ispettur Sergio Pisani qabad lil ċertu Peter Agius isuq l-istess vettura.

Skond Peter Agius huwa kien għadu kemm xtara l-vettura mingħand l-imputat u li pero kien sejjer għand l-*electrician* peress illi l-vettura ma' kienetx għaddiet mill-VRT. Fix-xhieda tiegħu kkonferma illi huwa qatt ma' kien uża l-vettura qabel u li filfatt kien biha fit-triq biss għaliex kien sejjer jagħmilha t-tiswijiet neċessarji sabiex tgħaddi mill-VRT u tkun tista' tiġi trasferita lilu formalment.

[1] Fol 27-29

L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ħarġet il-*letter to prosecute* rikjesta skond il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Skond Brian Farrugia it-taxxa tar-reġistrazzjoni li kienet dovuta fuq il-vettura mal-wasla tagħha f'Malta kien dak ta' € 2,117.60.

Il-vettura qatt ma' ġiet reġistrata f'isem Peter Agius, ossia il-persuna li allegatament kien xtara l-vettura mingħand l-imputat u li nqabad fit-triq biha. Il-vettura ġiet eventwalment reġistrata mal-Awtorita' fl-10 ta' Settembru 2018 meta nħarġitilha l-liċenzja, ġiet trasferita lil ċertu Kevin Attard u tħallset it-taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont ta' **€ 2,177.60**. Għal xi raġuni fuq id-dokument *Record of Notification of Imported Vehicles* esebit minn Brian Farrugia ġie rreġistrat mill-Awtorita' illi l-vettura waslet Malta **fl-10 ta' Settembru 2018**, u ċioe d-data ta' meta ġiet trasferita lis-sid il-ġdid tagħha Kevin Attard.

Skond il-Kap. 368, Art. 2A(1)(a):

"*2A. (1) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm -*

*(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma titħalliex wieqfa fit-triq jew ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq ...*"[3]

B'eċċezzjoni għar-regola li persuna li timporta vettura ġewwa Malta trid tirreġistraha mal-Awtorita' u tħallas it-taxxa entro tletin ġurnata mill-wasla tagħha, *dealers* awtorizzati jistgħu jiddiferixu r-reġistrazzjoni u l-ħlas tat-taxxa sakemm il-vettura tinħarġilha liċenzja mill-Awtorita'.[4] Dan dejjem pero sakemm il-vettura ma' tkunx qed tistaq jew tintuża fit-triq.

Mix-xhieda ta' Peter Agius, s-sewwieq tal-vettura, jirriżulta illi l-vettura **kienet** qed tintuża fit-triq iżda dan kien b'mod temporanju sakemm isirulha xi tiswijiet sabiex tkun tista' tgħaddi mill-

---

[2] Fol 18
[3] Ara ukoll, L.S. 368.02, Reg. 3(a)
[4] Kap. 368, Art 3(1)

VRT. Ċertifikat f'dan ir-rigward huwa filfatt wieħed mid-dokumenti rikjesti sabiex *dealer* awtorizzat li jimporta vettura użata ikun jista' jirreġistraha mal-Awtorita'[5]

Skond ir-Regolament 6(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02:

*"6(7) Vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f 'Malta tista' tiġi użata biss fit-triq, qabel ma tiġi reġistrata mill-Awtorità, mill-port fejn tkun daħlet sal-post fejn tkun se tiġi garaxxata sakemm tiġi reġistrata u tingħata liċenza, u lejn u minn garaxx fejn ikunu jistgħu jsirulha tiswijiet jekk dik il-vettura, meta ssirilha spezzjoni, ma tgħaddix mit-test li hi tajba għat-triq, jekk dik il-vettura jkollha reġistrazzjoni valida u jkollha mwaħħla pjanċa ta' reġistrazzjoni maħruġa fil-pajjiż fejn kienet reġistrata qabel u tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Dik il-vettura tkun tista' tinsaq ukoll jekk ikollha pjanċa 'Trial Run' skont ir-regolament 36."*

Il-Qorti hija konvinta illi għalkemm l-imputat seta kien ferm iktar galbuż f'dak li għandu jagħmel, ma' kienetx l-intenzjoni tiegħu illi jitrasferixxi vettura mingħajr ma' jirreġistraha mal-Awtorita', wisq anqas illi jevadi t-taxxa tar-reġistrazzjoni. It-tieni imputazzjoni għalhekk ma' tirriżultax.

*Imputazzjoni numru tlieta (3)*

L-istess raġunament tal-Qorti japplika ukoll għal din l-imputazzjoni. Inoltre l-Qorti ma' tistax ma' tikkunsidrax il-fatt illi filwaqt li hemm dokumentazzjoni u xhieda li juru li l-vettura waslet Malta fit-3 ta' Ottubru 2017, fid-dokumenti uffiċjali tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ġie indikat illi l-vettura waslet fl-10 ta' Settembru 2018, u dan xhur wara li l-istess Awtorita' kienet diġa ħarġet il-*letter to prosecute* fir-rigward ta' dawn il-proċeduri. Din l-imputazzjoni għalhekk ukoll ma' tirriżultax.

*Imputazzjonijiet numru erba' (4) u sitta (6)*

Dawn ma' japplikawx għall-imputat stante illi ma' kienx hu li nqabad fit-triq biha. Inoltre ma' tressqu l-ebda provi illi bħala *dealer* awtorizzat huwa kellu xi ħsieb illi personalment juża l-vettura fit-triq f'Malta. Għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ma' jirriżultawx.

---

[5] L.S. 368.02, Reg. 6(4)(c)

*Imputazzjoni numru ħamsa (5)*

Din l-imputazzjoni ukoll ma' tapplikax għall-imputat stante illi permess ta' ċirkulazzjoni temporanja għandu jiġi ottjenut minn persuna li tkun ser tuża l-vettura fit-triq u mhux għal *dealer* awtorizzat li l-ħsieb tiegħu huwa dak li jinnegozja t-trasferiment tal-vetturi li jkunu fil-pussess tiegħu.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**